MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Numru. 173/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**vs**

**Mario Bugeja**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Mario Bugeja ta' 37 sena, iben il-mejjet Joseph u Mary mitwielda Galea, imwieled Pieta' fis-17 ta' Dicembru 1967, residenti gewwa Pace Flats no 2, Triq l-Isqof Baldassare Caligares, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 65568(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(1) Fil-Fgura, f'Tas-Sliema, f'Birkirkara, l-Qala Ghawdex u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2003 u

fis-snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

a) B’eghmil zieni kkorrompa persuni ta’ taht l-eta’ u cioe JB, BM, VG u CM liema minuri gew fdati lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex tiehu hsiebhom, tedukahom, tghallimhom, tindukrahom jew izommhom u liema delitt sar bi vjolenza

b) Bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil diversi persuni taht l-eta’ kontra l-volonta’ taghhom u dan bhala mezz biex huma jigu mgieghla jaghmlu xi haga, jew joqoghdu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom

c) Offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost ghall-pubbliku

(2) F’dawn il-Gzejjer, fis-27 ta’ Jannar 2004 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

a) Bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta’ jew qassam jew wera ritratt, film video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta’ li ma kinux ghalqu d-disa’ snin.

b) Ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort’ohra ghamel, jew dahhal f’Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun,

pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta' Settembru 2005 (esebita a fol. 123A tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 203(1)(a)(c), 208A, 208, 209 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 86, 87(g) tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Mejju 2006, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Illi waqt il-kors tal-investigazzjoni tal-Pulizija, kienu waslu ghall-arrest ta' Mario Bugeja fejn anki gie elevat kompjuter u materjal iehor mir-residenza tieghu gewwa l-Qala, Ghawdex fejn instab materjal pornografiku ta' adulti kif ukoll ta' tfal taht l-eta. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar is-27 ta' Jannar 2004[1] fejn fl-istess stqarrija kien spjega minn fejn gab il-materjal billi kien tnizzel mill-internet. Huwa kompla biex qal li fis-CD's li gew elevati mill-Pulizija kien hemm diversi ritratti ta' tfal taht l-eta' kif ukoll videos ta' tfal jaghmlu s-sess bejniethom kif ukoll jippozaw bla hwejjeg. Huwa kompla biex qal li dawn ir-ritratti kienu ta' tfal bejn it-tnax u sbattax il-sena. Huwa kien juza bhala username fuq l-internet l-isem ta' Tiger1267 jew Tiger fl-ICQ. Huwa kien ta' spiss juza MIRC

[1] Inserita a fol. 76 tal-atti processwali

biex jiccetja ma’ persuni ohra tal-eta tieghu kif ukoll ma’ tfal taht l-eta. Fil-fatt waqt dawn ic-chats kien jibghat u jircievi diversi ritratti ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ barranija. Huwa kompla biex zied li kien jitkellem ma’ zewg persuni ohra li ma xtaqx isemmi min huma. Ghalkemm dan il-materjal kien ilu jnizlu minn fuq l-Internet ghal kwazi sentejn huwa ma kienx ihassarhom minn fuq il-kompjuter u hallihom gewwa folder fl-istess kompjuter.

Mill-ezami tal-materjal elevat mill-Pulizija instabu diversi chats bejn dan Mario Bugeja kif ukoll persuna ohra u cioe’ certu Martin Cefai fejn kienu jiddiskutu x’kienu ghamlu ma’ tfal. Membri tal-Pulizija mill-Iskwadra tas-Cyber Crime Unit, ghamlu ezami akkurat tal-materjal li kien instab fil-kompjuter u materjal iehor li nstab fil-pussess ta’ Mario Bugeja. Incidentalment kienet ghaddejja investigazzjoni ohra fejn issemma l-isem ta’ Martin Cefai fejn ghalhekk il-Pulizija investigaw x’konnesjonijiet hemm bejn dan Martin Cefai u Mario Bugeja. Mill-indagini hareg li kien hemm diversi ritratti ta’ tfal taht l-eta li kienu simili u gejjin minn webpage fuq l-internet bl-isem ta’ charliefufu.com’ li kienet amministrata minn Martin Cefai. Instabu diversi logfiles ta’ chats bl-internet li kienu mibdija minn Mario Bugeja ma’ dan l-istess Martin Cefai.

F’Dicembru tas-sena 2004 rega’ gie arrestat l-imputat fejn hawn gie muri chat logs u ritratti mhux pornografici li kienu instabu fil-kompjuter ta’ Martin Cefai. Waqt it-tehid tal-istqarrija li saret fis-19 ta’ Dicembru 2004[2] huwa gie muri dan id-dokument bic-chats u ritratti fejn hawn ikkonferma li kien ghamilha ma’ Martin Cefai. F’din l-istess stqarrija kompla biex qal li fic-chats li gie muri mill-Pulizija kien hemm ohrajn ma’ tfal taht l-eta. Huwa semma li kien tkellem ma’ certu J, tfajjel minn Rahal il-Gdid li kellu 15 il-sena. Huwa kien juza bhala isem Tiger fic-chats. Huwa gharaf diversi tfal taht l-eta liema ritratti kienu gew mehuda minn Martin Cefai li kien baghtomlu hu. Gharaf diversi persuni ohra bhal BM li sar jafu permezz ta’ Martin Cefai u li kien gie diversi drabi ghandu gewwa r-residenza tieghu f’Ghawdex. Fil-fatt huwa kien semma erbat itfal fejn

[2] Inserita a fol. 78 tal-atti processwalli

anki irrakonta okkazjonijiet li kien iltaqa' maghhom f'diversi postijiet gewwa Ta' Qali fejn anki kien ha xi ritratti ta' BM. Ghalkemm hemm ritratti ohrajn ta' tfal dan Mario Bugeja ma kellux x'jaqsam maghhom. Kien jaf x'jisimhom ghax kien qallu bihom Martin Cefai. Huwa kompla fejn qal li f'okkazzjoni gewwa Ta' Qali hu u BM kienu mmasturbaw flimkien u anki kien ha ritratt tal-parti privata ta' B. Huwa zied li anki kien ha ritratti ta' B fil-kamra tieghu kif ukoll ritratt gewwa l-Learnkey fejn kien jahdem Martin Cefai u li kien zammhom fuq il-kompjuter tieghu. Semma wkoll lil certu CM li fis-sajf tas-sena 2003 kien iltaqghu flimkien ma' Martin Cefai u marru fir-residenza t'ommu gewwa l-Fgura. F'din ir-residenza dan Mario Bugeja kixef il-parti privata tieghu ghax skont hu, C ried jaraha. Kien hemm diversi okkazzjonijiet ohra fejn dan Mario Bugeja ltaqa' ma tifel taht l-eta certu JB fejn fl-istess residenza ta' omm Mario Bugeja, dan J gie marbut mas-sodda. Martin Cefai beda jaghtih fuq zaqqu u Mario Bugeja ghamel sess orali mieghu. Kien hemm laqghat ohra ma dan J pero Martin Cefai ma kienx prezenti. F'okkazzjoni minnhom l-imputat kien immasturba lil JB gewwa l-karozza tieghu. Dan l-incident kien gara f'April tas-sena 2002. Fil-fatt fis-Sajf tas-sena 2003 Mario Bugeja kien iltaqa' ma' persuna ohra taht l-eta u dan kien certu VG minn tas-Sliema. Il-laqghat saru fir-residenza ta' omm Mario Bugeja fil-Fgura fejn kienu ghamlu sess orali lil xulxin. Il-Pulizija kompliet bl-investigazzjoni taghha billi baghtet ghal dawn it-tfal taht l-eta li b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

JB li meta xehed kellu tmintax il-sena, xehed f'dan il-kaz bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tal-5 ta' April 2005 u rega' xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2008 fejn spjega li huwa kien jattendi l-iskola ta' St. Patricks' bhala day student u ma kienx jorqod hemm. Huwa kien jaf lil certu Mario Bugeja minhabba li kien jitkellem mieghu fuq l-internet. Huwa kien iltaqa' mieghu kumbinazzjoni fuq l-internet u ma kien laqqghu hadd. Huwa zied jghid li dan Mario Bugeja kien habib ta' certu Martin Cefai. JB kien jaf lil dan Martin Cefai ghax kien teacher tieghu fl-iskola ta' St. Patricks'. Xi zmien wara dan Martin Cefai kien laqqghu ma' Mario

Bugeja u jahseb meta kien jattendi il-form 2 jew 3 tal-iskola, jigifieri xi tlett snin jew erbgha snin qabel ma' xehed. L-ewwel darba li ltaqa' ma' Mario Bugeja kien meta marru jaraw film flimkien ma certu DB u Martin Cefai. Fil-fatt kien wassalhom dan Mario Bugeja bil-karozza tieghu. Wara xi zmien kien gie ghalih biex jurih il-karozza gdida tal-ghamla VW Polo. Huma kienu marru fil-vicinanzi tal-ajruport u kienu huma t-tnejn biss dik il-gurnata. Skond JB l-imputat  beda' jiehu ftit kunfidenza billi waqt li kien qieghed isuq kien joqghod imisslu kuxtejh. Meta marru fid-dlam, kien inizzel is-seat u kien jaghmel dak li ma jridx billi Mario Bugeja kien inehhielu l-flok, kien imisslu saqajh u joqghod jaralu zaqqu. Dejjem skond ix-xhud l-imputat kien ghamillu sess orali. Din il-haga kienet saret darbtejn, darba meta kienu wehidhom u darb'ohra fid-dar f'Malta fil-prezenza ta' Martin Cefai. It-tielet okkazjoni ma jiftakarx. Fl-okazzjoni li mar id-dar ta' Mario Bugeja li tinstab gewwa l-Fgura l-imputat u Martin Cefai kienu rabtuh mas-sodda. Huwa kien mar id-dar ta' Mario ghax fil-fatt kien hu li gie ghalih u kien hemm Martin Cefai ukoll. Kien hemm ftehim minn qabel sabiex l-imputat jghaddi ghalih pero l-ftehim kien li jmorru jiehdu pizza. Meta dahal gewwa din id-dar sab sodda li rabtuh maghha. Martin Cefai beda jaghtih fuq zaqqu (fuq l-istonku tieghu). Waqt li kien marbut nehhewlu l-flokk u l-qalziet u hallewh bil-boxer shorts biss. Cefai tah diversi daqqiet fl-istonku tieghu b'mazza, madwar tletin daqqa, u qallu sabiex jiehu pjacir. Huwa qallu li qieghed jaghmel hekk biex jistordih izda kien qieghed iwegga ghax id-daqqiet kienu bis-sahha. Waqt li kien qed jinghata d-daqqiet minn Cefai l-imputat qaghad ibghabas il-parti privata ta' JB kif ukoll sidru u mbaghad ghamillu sess orali sal-ahhar. Wara dan l-incident gewwa d-dar tal-Fgura haduh lura d-dar tieghu u dak iz-zmien huwa kellu xi hmistax jew sittax il-sena.

JB xehed li f'okkazzjoni ohra l-imputat kien gie sabiex jurih il-karozza kien se jiehdu mieghu u qallu li ma kienx irid cucati. Meta dahal fil-karozza l-imputat beda' itaptaplu fuq kuxtejh u jghidlu kliem bhal  'sabih'. Wara li marru dawra hadu n-naha ta' Hal Luqa fejn beda jmissu u beda jimmasturbah u hu halla kollox f'idejh. Wara din l-okkazzjoni ma baqax jiltaqa' mieghu u anki kien qallu fuq l-internet li ma jridx jarah aktar. In kontro-ezami JB qal li

ghalkemm kellu tfajla dak iz-zmien kien spicca minn maghha ghax riedet tkun taf ma’ min kien qieghed ikun. Fil-fatt kien Martin Cefai li qallu biex jitlaqha lit-tfajla tieghu. Huwa zied li huwa gieli kellu intimita’ sesswali ma’ Martin Cefai fejn dan dam ghal perijodu ta’ sentejn u nofs u r-rapporti sesswali kienu jsiru xi tlett darbiet fil-gimgha. Huwa spjega li fil-fatt kien Martin Cefai li laqqghu ma’ Mario Bugeja ghax qabel kien jitkellem mieghu fuq l-internet. Fuq is-sess gieli tkellmu u dan id-diskors sar qabel ma ltaqghu hu u Mario Bugeja. Huwa gieli fetah qalbu ma’ Mario Bugeja fuq l-omosesswalita’ ghax fil-fatt kien jiddejjaq jitkellem fuq hekk ghax ghamel zmien jahseb li huwa fil-fatt omosesswali. Dokument JBX li gie esebit mid-difiza juri li JB nizzel li ghandu 19 il-sena. Huwa qal li meta beda jitkellem ma’ Mario Bugeja kellu bejn erbatax jew hmistax il-sena u qatt ma tkellem mieghu meta kellu dsatax il-sena. Meta kien johrog wahdu ma’ Mario Bugeja kien Mario li jghidlu biex jippruvaw. Dan kien jghidlu biex jara zaqqu meta kienu fil-karozza u darba wkoll ghamillu sess orali li huwa qal li baqa’ impressjonat minhabba li kien zghir ghalkemm kompla li ma’ Martin Cefai gieli ghamel l-istess. Fil-fatt huwa stqarr li Mario Bugeja kien juza bhal isem fuq ic-chats bhala TIGER waqt li hu kien juza BLIS pero Mario Bugeja dejjem kien jghidlu J. F’wahda mic-chats li kien hemm bejniethom huwa semma li kellu mahbub fejn dan il-kliem kien qallu Martin Cefai biex jghidu ghax gieli waqt dawn ic-chats kien ikun hemm Martin Cefai prezenti wkoll pero ma kienx jghid lil Mario Bugeja biha. Fil-fatt il-kelma mahbub kien qieghed jirreferi ghal Martin Cefai pero dejjem ghax kien ikun imgieghel minn Martin Cefai ghax kien jiddominah. F’chats ohra gew indikati fejn dan JB kien qal “Tghidx kemm inhobbu lil Martin Cefai” (a fol 162). Huwa kompla biex qal li “*Dak bhallissa jkun fis-sodda jahseb fuqhi*”. Huwa kien qieghed jirreferi ghal Martin Cefai. Huwa zied fejn qal li ghalkemm dak il-kliem qalu fil-verita dawk kienu kliem Martin Cefai ghax kien ikun ukoll fic-chat mieghu. Huwa kien jghidlu x’jghid lil Mario Bugeja u jghidlu lura x’kien qieghed jghid dan Mario Bugeja. Huwa haseb li kien ihobb lil Martin Cefai pero wara ntebah li kien qieghed juzah. Diskors iehor wera (a fol 169) tad-dok PCF 1 kien hemm diskors b’natura sesswali u provokattiv

indirizzat lejn Mario Bugeja. Huwa qal li ghalkemm kien qallu lil Mario Bugeja dan tal-ahhar seta' facilment interpretah biex ihajjru jghamlu dawk l-affarijiet li qal fuq ic-chat u li seta' ta' x'jifhem li kien tal-esperjenza. Ghalkemm qal li dan il-kliem qalu hu, fil-fatt kien qieghed jiddejjaq jghidu ghax skond hu dan huwa kliem ta' Martin Cefai.
VG xehed f'din il-kawza bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tal-5 ta' April 2005 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2008 fejn qal li hu kien jattendi l-MCAST u li kellu tmintax il-sena. Huwa kien imur l-iskola ta' St. Patricks u sar jaf lill-imputat minn gewwa St. Patricks' ghax flimkien ma' xi studenti ohra kienu marru Ghawdex ma' tal-klassi. Jakkumpanjawhom kien hemm Martin Cefai u zewgt teachers ohra. Huwa sar jaf lil Mario Bugeja tramite Martin Cefai meta kellu xi erbatax jew hmistax il-sena pero bejniethom f'din il-mawra ma kien gara xejn. Huwa qal li kien jattendi gewwa l-Learnkey fejn kien jghallem dan Martin Cefai u wara lezzjoni minnhom kien iltaqa' ma' Mario Bugeja. F'din l-okkazzjoni kien hadu gewwa d-dar tieghu li kienet gewwa Rahal l-Gdid. Waqt li kienu gewwa l-imputat beda jmissu fil-kamra tas-sodda li kienet isfel u nehhielu l-hwejjeg kollha u beda' jmissu kullimkien inkluz il-parti privata tieghu. L-imputat baqa' bil-hwejjeg. G kompla qal li beza li l-imputat ma kienx se jwasslu lura d-dar ghax huwa kien joqghod gewwa tas-Sliema. L-imputat beda jmissu u jimmasturbah u din kienet l-ewwel okkazzjoni li ghamillu hekk pero m'ghamel xejn aktar mieghu dik il-gurnata. Kien hemm okkazzjoni ohra wara fl-istess dar pero qal li ma bediex ihossu komdu. Huwa dak iz-zmien kellu tfajla u ghalhekk ma rridx jarah aktar. Huwa ghamel l-affarijiet mieghu ghax beza' minnu. Fil-fatt kien rega' mar it-tieni darba mieghu ghax issa beza' li kien se jghid xi haga lil xi hadd. Fit-tieni darba rega' gara l-istess pero mhux daqs l-ewwel darba minhabba li ma hassux komdu u waqfu milli jkompli ghax dak iz-zmien kellu tfajla. VG jghid li ma tkellem ma hadd hlief ma' ommu u ma' missieru fuq dak li kien gralu f'dik id-dar. Huwa zied li kien tkellem mal-imputat fuq l-internet wara li kien rah ghall-ewwel darba gewwa Ghawdex pero ma ftakarx l-username tieghu. Meta kien tkellem mieghu fuq ic-chat

kien hemm ukoll Martin Cefai. Kien fil-fatt f'wahda minn dawn ic-chats li huwa qal lill-imputat li ried jiltaqa' mieghu wara l-lezzjoni. Huwa kompla li kien jibza' mill-imputat u minn Cefai ghaliex huma kienu jghidulu certu affarijiet u li kienu sejrin jghidu xi haga fuq dak li gara. Id-diskors kien ikun skond ix-xhud fuq affarijiet ta' natura sesswali u ghalkemm kien jipprova jaqta' minn maghhom kien jibza ghaliex kien ghadu zghir. Huwa zied li qabel ma' ltaqa' ma' Mario Bugeja huwa kien ghamel xi affarijiet simili bhal ma kien ghamillu Mario Bugeja ma' Martin Cefai u ma kinitx ta' darba.

In kontro-ezami (a fol 181 tal-atti processwali) VG qal li xtaq iwaqqaf il-proceduri kontra l-imputat. Huwa zied li kien jaf lil Martin Cefai minn gewwa l-iskola ta' St. Patricks fejn huwa kien jattendi. Huwa kien iltaqa' ma' Martin Cefai diversi drabi u anki kienu ta' spiss jitkelmu fuq l-internet. Fil-fatt rega' qal li waqt chatting bejnu u Mario Bugeja kien qallu hu stess biex jiltaqghu wara l-lezzjoni minn gewwa l-Learnkey. Hekk fil-fatt kien gara fejn minn hemm marru d-dar ta' Mario Bugeja fejn damu xi siegha hemm. Wara kien l-istess Mario Bugeja li waslu gewwa tas-Sliema fejn huwa kien joqghod. Skond VG qatt ma kien qal lil Mario Bugeja li kellu xi relazzjoni ma' Martin Cefai fejn anki kien qal lil Mario Bugeja biex ma jghidx lil Martin Cefai li fil-fatt kienu iltqaghu flimkien. Dak iz-zmien kien ikollu inkontri ma' Martin Cefai. Wara li waqaf minn ma' Martin dan beda ma' Mario Bugeja u iltaqghu darbtejn flimkien u kien hemm diversi chats bejniethom fuq l-internet.

BM xehed bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2005 meta kellu dsatax il-sena u rega' xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2006. Huwa spjega li meta kien izghar kien jattendi l-iskola VB u kien imur gewwa l-Learnkey fejn sar jaf lil Martin Cefai minn hemm. Kien l-istess Martin Cefai li kien semmielu lil dan Mario Bugeja u huwa beda' jitkellem mieghu fuq l-internet. Huwa kompla li dan Martin Cefai waqt il-lezzjonijiet gewwa l-Learnkey gieli qabadlu saqajh u messlu l-istonku tieghu. Kien fil-fatt waqt id-diskors ma' Martin Cefai li kien semmielu lil Mario Bugeja fejn anki xi zmien wara kienu tkellmu fuq l-internet u iltaqghu. Dan sehh xi tlett snin qabel ma xehed u l-imputat kien ghadda ghalih bil-karozza tal-ghamla Daihatsu. F'okkazzjoni ohra

kien gie ghalih b’karozza ohra tal-ghamla VW Polo. Huwa jiftakar li l-ewwel darba li kienu ltaqghu flimkien kienu marru l-ajruport flimkien ma’ Martin u minn hemm kienu hadu xi drink. Baqghu jiccetjaw u anki saru hbieb u kienu jiltaqghu pero mhux b’mod regolari ghax Mario Bugeja kien joqghod Ghawdex. Kien hemm okkazjonijiet li huwa kien jitla’ gewwa Ghawdex fejn iltaqghu xi darbtejn jew tlett darbiet fix-xahar. Meta l-imputat kien jghaddi ghalih bil-karozza kienu jmorru Ta’ Qali. L-imputat kien jghidlu biex idahhal zaqqu u jinza u huma mbaghad qaghdu jimmasturbaw flimkien. Dan kien l-unika incident li gara fil-karozza. Huwa ftakar li kien hemm okkazzjoni fejn Mario Bugeja kien jehodlu xi ritratti bid-digital camera li kellu meta kien jinza. Huwa kkonferma li kien ra r-ritratti tieghu stess mehuda kemm minn Mario Bugeja kif ukoll minn Martin Cefai. Ix-xhud qal ukoll li gieli mar gewwa l-flat ta’ Mario Bugeja f’Ghawdex pero’ ma kien isir xejn ghax kien ikun hemm omm Mario Bugeja. Kien hemm okkazzjonijiet li Mario Bugeja kien jghidlu biex ihalli l-bieb miftuh meta jkun qieghed jinhasel halli joqghod jarah. L-imputat kien jehodlu r-ritratti izda M qal li ma jiftakarx jekk kienx liebes jew le. Fil-fatt f’wiehed mir-ritratti mehuda huwa qal li Martin Cefai kien zied sikkina fuq ir-ritratt bil-kompjuter pero’ waqt it-tehid tar-ritratt qatt ma ntuzat xi sikkina. Ix-xhud qal li Mario Bugeja gieli mar ghandu gewwa daru f’Santa Venera u huwa gieli mar fid-dar tieghu gewwa l-Fgura. L-ewwel darba li Mario Bugeja mar ghandu d-dar tieghu gewwa Sta. Venera hadlu r-ritratti u jahseb li kien bil-hwejjeg meta ttiehdu. Mario Bugeja mar ghandu xi tlett darbiet u mhux dejjem kien ikun hemm il-genituri tieghu fid-dar. Huwa zied li la fid-dar t’ommu gewwa Sta. Venera u lanqas fid-dar ta’ Mario Bugeja fil-Fgura ma kien gara xi haga. Dak iz-zmien li kienu graw dawn l-incidenti huwa kellu xi erbatax jew hmistax il-sena. Huwa qatt ma tkellem ma hadd fuq din il-kwistjoni sakemm fil-fatt kienu baghtu ghalih il-Pulizija. Huwa jkompli jzid li fl-incident ta’ meta kien id-dar tieghu gewwa Sta. Venera huwa qal li qatt ma qal lil Mario Bugeja biex jidhol hdejh waqt li kien qieghed jinhasel izda Mario Bugeja baqa’ fil-kamra u kien hu li qallu biex ihalli l-bieb miftuh halli joqghod jarah. Skond ix-xhud Martin Cefai kien jghir jekk ikun jaf li b’xi mod kien iltaqa’ ma’ Mario Bugeja. Huwa zied li qatt ma kien hemm

atti sesswali ma' Martin Cefai jew ma' Mario Bugeja, hlief dak li kien semma gewwa Ta' Qali. Dan ix-xhud ukoll ghazel li jahfer lil-imputat ghal dak li gara. BM qal li seta' baghat xi ritratti tal-parti genitali tieghu jew li seta' anki baghat xi messaggi fuq ic-chats bl-internet b'xi konnotazzjonijiet sesswali pero ma ftakarx ezatt.
CM ukoll xehed bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tas-26 ta' Settembru 2005 u meta xehed kellu sittax il-sena. Huwa rega' xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju 2009. Huwa qal li kien jaf lil Martin Cefai bhala ghalliem meta kien jattendi l-iskola St. Patricks fejn huwa kien jghix ukoll. Huwa zied li kien Martin Cefai li laqqghu ma' Mario Bugeja meta fil-fatt kien hadu gewwa d-dar ta' Mario Bugeja li qieghda fil-Fgura. Meta kienu f'din id-dar Martin Cefai beda jghaffaslu zaqqu b'idu u kultant b'lasta waqt li Mario Bugeja baqa' jhares u kixef il-parti privata tieghu. Fil-fatt huwa kkonferma ritratt fejn gharaf lil Mario Bugeja u lil Martin Cefai liema ritratt jahseb gie mehud fid-dar gewwa il-Fgura. L-esperenzji ma' Martin Cefai kienu bdew diversi xhur qabel (a fol 105) qabel fil-fatt ma kien iltaqa' ghall-ewwel darba ma' Mario Bugeja. Fl-okkazzjoni fejn kien hemm Mario Bugeja ma ftakarx ezatt jekk kienx mar b'tal-linja jew kienx gie xi hadd ghalih. Huwa zied li meta kien gewwa d-dar tal-Fgura dam xi tlett kwarti pero huwa seta' jitlaq x'hin ried minn gewwa dik id-dar. Hadd minnhom ma zammu u ghalkemm ma telaqx Martin Cefai kien cempillu biex jiltaqghu u kienu jghidlu biex jiehdu drink imma qabel kien jiehdu x'imkien ghal kwiet. Lil Mario Bugeja darba biss kien rah f'dik id-dar. Huwa kellu hmistax il-sena meta gara dan il-kaz. Huwa kompla jghid li ma' Martin Cefai kellu diversi esperenzji billi dan kien jaqbadlu l-parti privata tieghu u anki kien jghidlu biex hu jaqbad il-parti privata tieghu wkoll. Kien imur mieghu ghax kien jghidlu li se jgib lil xi hbieb ohra pero dawn qatt ma kienu jigu. Dan Martin Cefai kien qabad mieghu meta huwa kien jattendi l-iskola St. Patricks. Huwa qal in kontro-ezami li l-ewwel darba li ltaqa' ma Mario Bugeja flimklien ma' Martin Cefai kienu marru jiehdu xi pastizzi u li jiftakar li Mario Bugeja kellu karozza bajda. Dik id-darba ma kien gara xejn pero wara din l-okkazzjoni baqa' jmur ghand Martin Cefai fejn kien jurih ritratti ta' tfal minuri mlibbsin jew b'sikkina

f'zaqqahom. Huwa qatt ma tkellem ma xi hadd dwar dan il-kaz hlief mal-pulizija. F'okkazzjoni ohra li huwa xehed qal li huwa ried jahfer lil Mario Bugeja ghaliex dan qatt ma messu u kien biss  Martin Cefai li ghamel dan. Fil-fatt huwa qal li kienu l-Pulizija li baghtu ghalih u ma kienx hu li ghamel r-rapport u sostna li kien Martin Cefai li kkorompieh u hassarlu hajtu.

Ikkunsidrat

Illi waqt l-udjenza tas-6 ta' Gunju 2009, id-Difiza talbet il-hatra ta' espert sabiex isir psychological assessment u pjan ta' terapija ghall-imputat u giet appuntata Dr. Roberta Holland sabiex tezamina lill-imputat u tirrelata. Dr. Roberta Holland prezentat ir-rapport taghha waqt l-udjenza tat-12 ta' April 2010 (rapport  relattiv huwa mmarkat bhala Dok. RH u jinsab inserit a fol. 261 et sequitur tal-atti processwali). Hija tat ix-xhieda taghha a bazi tal-intervisti li ghamlet mal-imputat fejn din qalet li l-imputat huwa bniedem li jakkomoda lil kulhadd, ma jidholx f'argumenti jew jipprova jirrita lil xi hadd u rizultat ta' dan jikreja ansjeta fuqu. Huwa ghandu nuqqas ta' kunfidenza fih innifsu u jibza' minn relazzjonijiet intimi minhabba li ghandu stima tieghu innifsu baxxa. Huwa fil-fatt it-tip ta' personalita' mhux daqshekk b'sahhitha u jkun irid lil xi hadd min jimbuttah f'certi sitwazzjonijiet. Meta kien ghadu zghir fiz-zmien meta kien fit-tielet sena tas-sekondarja kellu jerga' jirrepeti s-sena minhabba li missieru kien marad serjament. Kien f'dan iz-zmien ukoll li bdew l-abbuzi fuqu ta' natura sesswali li damu xi tlett snin. Huwa accetta l-abbuz fuqu ghaliex ma kienx kapaci jghid le minhabba l-personalita' dghajfa tieghu. Huwa dejjem hass li dak li gab kien it-tort tieghu u li kien fattur li baqa' jkun hemm abbuz b'mod ripetittiv fuqu. Dawn kellhom effett li baqaghu maghluqa gewwa fih u fixklu l-izvillup sesswali tieghu. L-espert izda qalet li socjalment m'hemmx problemi u lanqas ghandu tendenzi kriminali. L-espert spjegat li meta kellmet lill-imputat huwa stqarr li ma kienx ghaddielu minn mohhu li kien rizultat tac-chats u l-kumplikazzjonijiet li kien hemm meta kellu x'jaqsam ma' persuni taht l-eta. Ghalkemm ma kienx hemm okkazzjonijiet ohra qabel dawn, huwa qal li ftit taz-zmien

qabel kien avvicinah dak li kien abbuzah meta kellu erbatax il-sena. Din il-persuna kienet l-istess Martin Cefai. Huwa rega' hass dak li kien ghadda minnu meta kien ghadu zghir pero' Martin Cefai kien jiddominah. Fil-fatt kienet din il-persuna li bdiet thajjru biex jiltaqa' ma' dawn il-minuri. Huwa qal li beda jitkellem maghhom fuq l-internet u dejjem ha l-impressjoni li fil-fatt kien hemm il-volontarjeta' minn naha taghhom. Wiehed mill-kuntatti li kellu damu ghal diversi snin pero huwa qatt ma sab problema li jekk ma jkunux iridu biex huwa jieqaf. Bl-impressjoni tal-volontarjeta' tal-minuri hu ha din l-opportunita' ghalih. Meta rega' dahal f'hajtu Martin Cefai rega hassu vittma u refa' r-responsabilita' u accetta li ghamel pero dejjem kien bl-impressjoni tal-volontarjeta' tal-vittmi u ghalih dawn kienu tal-esperjenza ghax mhux hu li abbuzahom. Huwa ra l-volontarjeta' taghhom pero fehem ukoll li hu seta' ghen ghax gew fl-istess posizzjoni li kien hu meta kellu erbatax il-sena. Huwa eventwalment induna li ghamel hsara lil dawn il-minorenni pero f'dawk il-mumenti ma ndunax ghax haseb li kien hemm il-kunsens taghhom minhabba li kienu diga ghamlu xi affarijiet ma' hadd iehor. Fil-konkluzjoni taghha l-espert qalet li l-imputat ghandu jkompli ghaddej bil-kura li kienet qeghda thalli effett.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Mario Bugeja[3] ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Lulju 2010 fejn huwa qal li huwa l-izghar fost hutu u huwa gradwat. Missieru llum mejjet, kien marad serjament meta kien ghadu zghir. Meta missieru kien ghaddej bil-kura huwa gie abbuzat minn Martin Cefai. Dak iz-zmien dan Martin Cefai kien xi erbatax il-sena akbar minnu. Huwa ddeskriva li dan it-tip t'abbuz kien jikkonsisti f'daqqiet, taghfis u anki uzu ta' frosta. Huwa kien beza' meta graw dawn l-affarijiet u dawn kellhom effett kemm fuq l-imgieba tieghu u fl-iskola. Huwa semma li kien ikun hemm sess orali wkoll pero' qatt ma kien hemm penetrazzjoni u dan gara meta kellu biss xi tlettax il-sena. Meta kiber, il-frekwenza tal-abbuz bdiet

[3] Xhieda ta' Mario Bugeja hija inserita fl-atti processwali a fol 303 sa 345.

tizdied gieli ghal darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha. Huwa jghid li kien jibza’ minn Martin Cefai. L-imputat qal li l-abbuz waqaf ghal kollox meta huwa kien mar gewwa kunvent fejn xtaq isir qassis. Fl-istess zmien li kienu ghaddejin dawn l-abbuzi ma’ Martin Cefai kien hemm persuni ohra li abbuzawh. Huwa ghalkemm kien qieghed jibza’ haseb li dawn l-affarijiet kien iridhom huwa stess li jsiru fuqu. Matul iz-zmien l-ideja li jidhol qassis telqet ghal kollox u fil-fatt kien waqqaf l-istudji tieghu. L-imputat kompla jghid li meta Martin Cefai kien ikun jaf li huwa ma haddiehor, l-abbuzi kienu jizdiedu. Martin Cefai kellu karattru dominanti fuqu u ghalhekk kien jghir ghax isir jaf li kien mar ma xi hadd iehor. Huwa qatt ma kien tkellem mal-genituri tieghu fuq dawn l-affarijiet. Wara li spicca l-kuntatt bejniethom kien prova jkollu hajja normali pero’ sahhet missieru marret lura sakemm fil-fatt miet. Wara li beda jahdem Ghawdex qatt ma kien hemm dawn il-problemi ghax ma kienx hemm kuntatti aktar ma Martin Cefai. Martin Cefai rega’ dahal f’hajtu meta kellu madwar 31 sena u dan ghamel kuntatt mieghu fuq l-internet. Huwa sar jaf li kien gab xi tfal mir-Russja u gabhom Ghawdex. Huwa dahal jghinu ghax haseb li kien qieghed jaghmel il-gid. Fil-fatt huwa stqarr li dawn it-tfal setghu gew abbuzati minn Martin Cefai. Meta dahlet certu kunfidenza ma’ Martin Cefai dan laqqghu ma’ tfal mill-iskola ta’ ‘St. Patricks’. Meta kien ikun online, Martin kien jghidlu x’jghidilhom lil dawn it-tfal halli jaghmlu bhal ma ghamel hu mieghu. Fil-fatt ma kienx gieh il-hsieb ta’ meta huwa kien zghir u ma kienx jixtieq jaghmel certi affarijiet, setghux dawn it-tfal kienu qieghdin jahsbu l-istess. Huwa zied li dak iz-zmien kien perswaz li dawn it-tfal riedu jaghmlu l-affarijiet ghaliex taw x’jifhmu li huma wkoll riedu peress li kienu diga marru ma’ Martin. Martin kien jghidlu x’jghidilhom biex jinqeda’ bih. Martin Cefai kien jaghtih l-ICQ number ta’ dawn it-tfal biex jibda’ jitkellem maghhom. Kien jghidlu biex jaghtuh il-physical description taghhom ghax jidher li Martin Cefai kienu joghbuh irqaq u huwa kien jghidilhom biex idahhlu zaqqhom pero’ huwa qatt ma staqsa lil Martin ghala kien jghidlu biex jistqasi dawn l-affarijiet anki ghaliex huwa diga’ kien jafhom. Huwa jghid li dejjem mexa’ skont kif kien jghidlu Martin Cefai. Ghalkemm qieghed ghaddej bit-terapija, illum hemm

kambjament ghall-ahjar. Skond Mario Bugeja dawn il-minuri kienu jghidulu li ghandhom erbatax jew hmistax il-sena fejn anki kienu juruh li jafu fuq is-sess. Kienu wkoll qalulu li fil-fatt kienu anki marru ma’ Martin Cefai bhal ma qal skont wiehed mix-xhieda li huwa JB. Huwa zied li dan JB kien jghidlu fuq ic-chats li ghandu mahbub li fil-fatt kien qieghed jirreferi ghal Martin Cefai u l-istess kien jghidlu VG. Fil-fatt f’konversazzjoni bejniethom kienet tkun ‘copy and paste’ fuq dak li kien qieghed jghid Martin Cefai u hu jibghata lil minuri. L-istess il-minuri kien jaghmel lil Mario Bugeja pero’ dak iz-zmien ma kienx jaf li qieghed isir hekk. Huwa qal li minn barra l-erba’ minuri li ssemmew f’dan il-kaz ma kienx hemm ohrajn. L-imputat qal li fil-fatt ma’ CM qatt ma kien hemm chats pero’ kien gabu Martin Cefai mieghu. Ma’ C huwa qatt ma ghamel xejn ghax Martin Cefai kien ghamel kollox pero’ jghid li huwa kien prezenti. Ma’ VG u BM huwa qal li fl-ewwel okkazzjoni maghhom Martin Cefai ma kienx prezenti. L-imputat zied jghid li VG kien ghamilielu cara li Martin Cefai ma jkunx jaf biha din il-haga. Jidher li kien VG li kien qallu fejn jiltaqghu wahedhom u mhux ma’ Martin Cefai. Huwa fil-fatt iltaqa’ darbtejn ma’ VG. Fil-kaz ta’ BM dan tela’ diversi drabi gewwa Ghawdex pero’ ma kien gara xejn bejniethom. Gieli iltaqa’ mieghu Malta u kien hemm biss l-okkazzjoni gewwa Ta’ Qali fejn anki Martin Cefai kien qallu li dan BM kien ghamel mieghu. Huwa qal li fic-chats ma’ BM kien jurih li jrid jaghmel dawn l-affarijiet. L-imputat spjega li l-inkontru li kellu ma’ Martin Cefai u mal-erba’ minuri meta kiber ma kinitx sfurzata fuqu pero’ huwa ghandu karattru dghajjef u Martin Cefai jiddominah. Huwa kompla jghid li BM meta gieli gie ghandu gewwa Ghawdex qatt ma sar xejn bejniethom. Kienet biss id-darba li marru gewwa Ta’ Qali fejn huwa kien hadlu erba’ ritratti tal-parti genitali tieghu waqt li kienu fil-karozza. Kien fil-fatt Martin Cefai li qallu li hu kellu relazzjoni sesswali mieghu qabel ma ltaqa’ mieghu. Huwa zied li kien C li ried jara l-parti genitali tieghu gewwa d-dar tieghu fil-Fgura. Dwar JB l-imputat qal li l-ewwel darba li ghamel xi haga kien hemm Martin Cefai waqt li fit-tieni darba kienu wahedhom. Fit-tielet darba li kienu iltaqghu ma kienx gara xi haga. Illi fl-incident fejn kien intrabat dan JB mas-sodda huwa jghid li kien Martin Cefai li rabbtu maghha kontra dak li qal fl-istqarrija tieghu

u huwa jikkonferma li dak iz-zmien ghamel sess orali mieghu (ma’ JB) waqt li kien marbut fid-dar tal-Fgura L-attivita’ sesswali li kellu wahdu ma’ JB kienet vicin l-ajruport gewwa l-karozza tieghu li kellu dak iz-zmien u cioe’ Daihatsu. Fil-kaz ta’ VG l-imputat jghid li huma ltaqghu tlett darbiet pero t-tielet darba riedha tkun tal-ahhar. Fil-fatt meta ltaqa’ wahdu ma’ dawn it-tfal hadd ma sfurzah pero’ huwa dejjem haseb li huma riedu jigu mieghu. Huwa qatt ma gietu f’rasu li dan b’xi mod seta’ affetwahom u nduna biss meta kien qieghed jattendi t-terapija. L-imputat ammetta li kellu materjal pornografiku fil-pussess tieghu ta’ persuni taht l-eta’. Il-materjal kien baghtulu Martin Cefai jew inkella nizlu minn fuq l-internet. Kien hemm tqassim ta’ materjal pornografiku fejn kompla biex qal li kien jaf kemm kellhom zmien dawk il-minuri meta mar maghhom. Huwa zied li anki kien hemm diskors sesswali fuq ic-chats fuq l-internet pero din il-haga kienet xi haga li gejja anki minn ghandhom.
Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta x-xhieda moghtija mill-erba’ minuri f’dan il-kaz u anki rat il-video recording tax-xhieda minnhom moghtija din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita’ tal-istess xhieda u dan jinghad anki ghaliex dak li qalu dwar l-inkontri li kien hemm mal-imputat fil-fatt jirrizulta anki mix-xhieda tal-istess imputat.

Fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tal-5 ta’ Settembru 2005 (inserita a fol. 123A tal-atti processwali) l-Avukat Generali ndika li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18, 203(1)(a)(c), 208A, 208, 209, 86 u 87(g) tal-Kodici Kriminali.

Dwar ir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni li bih jinsab akkuzat l-imputat il-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)** f’sentenza tat-**8 ta’ Jannar 1996** fil-kawza fl-ismijiet **‘Pulizija vs Thomas Wiffen’** fejn dwar l-element materjali ta’ dan ir-reat il-Qorti qalet is-segwenti:-

***For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":***

